MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 183/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Francis James**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis James detentur tal-karta tal-identita` numru 320367(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Lulju 2008, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali:
U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2008 u x-xhur ta' wara xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

Talli f’dawn il-Gzejjer, fil-15 ta’ Lulju 2008, jew fil-jiem ta’ qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub minn xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1)(b), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-ewwel tlett akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekussjoni u li l-fedina penali tal-istess hija kwazi netta u li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Francis James hati tal-ewwel tlett akkuzi biss li bl-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mir-raba’ akkuza stante illi ma ngabitx prova illi l-imputat qatt ha xi gurament u dan anke kif stqarr l-imputat stess fl-istqarrija tieghu.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------